Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2580/2001

tas-27 ta' Diċembru 2001

dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu

(ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 745/2003 tat-28 ta' April 2003	L 106	22	29.4.2003
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1207/2005 tas-27 ta' Lulju 2005	L 338M	228	17.12.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1957/2005 tad-29 ta' Novembru 2005	L 322M	135	2.12.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1461/2006 tad-29 ta' Settembru 2006	L 348M	704	24.12.2008
►M5	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1250/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012	L 352	40	21.12.2012
►M7	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 646/2013 tal-4 ta' Lulju 2013	L 187	4	6.7.2013
►M9	Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1710 tas-27 ta' Settembru 2016	L 259I	1	27.9.2016
►M10	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2061 tat-13 ta' Novembru 2017	L 295	3	14.11.2017
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1163 tal-5 ta' Lulju 2019	L 182	33	8.7.2019
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/595 tal-11 ta' April 2022	L 114	60	12.4.2022

Emendat minn:

►A1	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 121 (1207/2005)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 437 (1461/2006)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2580/2001

tas-27 ta' Diċembru 2001

dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu

Artikolu 1

Għall-għan ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1. "Fondi, assi finanzjarji u risorsi ekonomiċi oħra" tfisser assi ta' kull xorta, sew tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, akkwistati kif akkwistati, u dokumenti jew strumenti legali f'kull forma, inklużi elettroniċi jew diġitali, li jixhdu titolu għal, jew interess fi, assi ta' din ix-xorta, inklużi, imma mhux limitati għal, krediti ta' banek, *travellers' cheques*, ċekkijiet tal-banek, *money orders*, azzjonijiet, sigurtajiet, *bonds, drafts* u ittri ta' kreditu.

2. "L-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u risorsi ekonomiċi oħra" tfisser li ma jitħalliex kull moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta' jew innegozjar f'fondi f'kull mod li jirriżulta f'xi bidla fil-volum, ammont, lok, proprjetà, pussess, karattru, jew destinazzjoni tagħhom jew bidla oħra li jagħmilha possibbli li l-fondi jiġu użati, inkluż l-amministrazzjoni ta' portafoll.

3. "Servizzi finanzjarji" tfisser kull servizz ta' natura finanzjarja, inklużi s-servizzi kollha ta' l-assigurazzjoni u dawk relatati ma' l-assigurazzjoni, u s-servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) kif ġej:

Is-servizzi ta' l-assigurazzjoni u dawk relatati ma' l-assigurazzjoni

(i) Assigurazzjoni diretta (inkluża l-ko-assigurazzjoni):

(A) assigurazzjoni fuq il-ħajja;

(B) mhux fuq il-ħajja;

(ii) Assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

(iii) Intermedjazzjoni għall-assigurazzjoni, bħas-senserija u l-mandat;

(iv) Is-servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta' stima tar-riskju u ta' ftehim fuq *claims.*

Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni)

(v) Aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi li jerġgħu jitħallsu oħra;

(vi) Self ta' kull tip, inkluż kreditu lill-konsumatur, kreditu ipotekarju, bejgħ ta' dejn u ffinanzjar ta' transazzjonijiet kummerċjali;

(vii) Kera finanzjarja;

▼B

(viii) Is-servizzi kollha ta' trasmissjoni ta' ħlas u ta' flus, inkluż il-kreditu, karti ta' ħlas u ta' debitu, *travellers' cheques* u *drafts* tal-bankarji;

(ix) Garanziji u impenji;

(x) Innegozjar għalih innifsu jew għal klijenti, kemm jekk fuq tpartit, ġewwa suq bil-miftuħ jew b'mod ieħor, dawn li ġejjin:

(A) Strumenti ta' flus tas-suq (inklużi ċekkijiet, karti tal-flus, ċertifikati ta' depożitu);

(B) kambju barrani;

(Ċ) Prodotti derivattivi inklużi, imma mhux limitati għal, *futures* u *options*;

(D) strumenti ta' rati tal-kambju u ta' l-imgħax, inklużi prodotti bħat-tpartit u l-ftehim dwar *forward rate;*

(E) titoli trasferibbli;

(F) strumenti negozzjabbli oħra u assi finanzjarji, inkluż is-suq tad-deheb;

(xi) Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inkluż *underwriting* u tqegħid bħala aġent (kemm jekk pubblikament jew privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' ħruġ ta' din ix-xorta;

(xii) Senserija tal-flus;

(xiii) Amministrazzjoni ta' l-assi, bħall-amministrazzjoni ta' flus kontanti jew ta' portafoll, il-forom kollha ta' amministrazzjoni ta' investiment kollettiv, amministrazzjoni ta' fondi għall-pensjoni, servizzi ta' kustodja, depositarji u ta' *trust*;

(xiv) Servizzi ta' konklużjoni u ta' *clearing* għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti oħra negozzjabbli;

(xv) Il-fornizzjoni u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u *software* relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra;

(xvi) Servizzi ta' konsulenza, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljarji oħra dwar l-attivitajiet kollha mniżżla minn (v) sa (xv), inklużi referenzi u analiżi ta' kreditu, investiment u riċerka u pariri dwar portafolli, pariri fuq akkwisti u fuq strateġija u ristrutturazzjoni korporattiva.

4. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjoni ta' "att terroristiku" għandha tkun dik li tinsab fl-Artikolu 1(3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

5. "Proprjetà ta' persuna, grupp jew entità legali" tfisser li tkun fil-pussess ta' 50 % jew iktar tad-drittijiet proprjetarji ta' persuna, grupp jew entità legali, jew li jkollok interess maġġoritarju fihom.

▼B

6. “Kontroll ta’ persuna, grupp jew entità legali” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) li wieħed ikollu d-dritt li jaħtar jew ineħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv ta’ tmexxija jew ta’ sorveljanza ta’ l-istess persuna, grupp jew entità legali;

(b) li wieħed ikun ħatar biss bħala riżultat tad-drittijiet tiegħu tal-vot, maġġoranza tal-membri tal-korpi amministrattivi, ta’ tmexxija jew ta’ sorveljanza ta’ persuna, grupp jew entità legali li kellu kariga matual s-sena finanzjarja preżenti u dik ta’ qabel;

(ċ) li wieħed jikkontrolla waħdu, skond ftehim ma’ azzjonisti oħra fi jew membri ta’ persuna, grupp jew entità legali, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot ta’ l-azzjonisti jew tal-membri f’dik il-persuna, grupp jew entità legali;

(d) li wieħed ikollu d-dritt li jeżerċita influenza dominanti fuq il-peruna legali, grupp jew entità, skond ftehim li jkun daħal fih ma’ dik il-persuna, grupp jew entità legali, jew skond dispożizzjoni fil-Memorandum jew fl-Artikoli ta’ l-Assoċjazzjoni tagħha, fejn il-liġi li tirregola dik il-persuna, grupp jew entità legali tippermetti li tkun soġġetta għal ftehim jew dispożizzjoni ta’ dik ix-xorta;

(e) li wieħed ikollu l-poter li jeżerċita d-dritt li jeżerċita influenza dominanti msemmija fil-punt (d), mingħajr ma jkun id-detentur ta’ dak id-dritt;

(f) li wieħed ikollu d-dritt li juża l-assi kollha jew parti minnhom ta’ persuna, grupp jew entità legali;

(g) li wieħed jamministra n-negozju ta’ persuna, grupp jew entità legali fuq bażi unitarja, filwaqt li jippubblika kontijiet konsolidati;

(h) li jidħol għar-responsabbiltajiet tal-persuna, grupp jew entità legali *in solidum* jew jiggarantihom.

Artikolu 2

1. Ħlief kif permess taħt l-Artikoli 5 u 6:

(a) Il-fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi kollha, li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta’jew miżmuma minn, persuna naturali jew legali, grupp jew entità inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu ffriżati;

(b) L-ebda fondi, assi finanzjarji oħra u risorsi ekonomiċi m’għandhom jiġu magħmula disponibbli, direttament jew indirettament, lil, jew għall-benefiċċju ta’, persuna naturali jew legali, grupp jew entità inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

2. Ħlief kif permess taħt l-Artikoli 5 u 6, għandu jkun projbit li tipprovdi servizzi finanzjarji lil, jew għall-benefiċċju ta’, persuna naturali jew legali, grupp jew entità inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3.

▼B

3. Il-Kunsill, jaġixxi b'unanimità, għandu jistabbilixxi, jirrevedi u jemenda l-lista ta' persuni, gruppi jew entitajiet li għalihom japplika dan ir-Regolament, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(4), (5) u (6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK; din il-lista għandha tinkludi:

(i) persuni naturali li jikkommettu, jew jippruvaw jikkommettu, jipparteċipaw fi jew jiffaċilitaw l-għamil ta' xi att ta' terroriżmu;

(ii) persuni legali, gruppi jew entitajiet li jikkommettu, jew jippruvaw jikkommettu, jipparteċipaw fi jew jiffaċilitaw l-għamil ta' xi att ta' terroriżmu;

(iii) persuni legali, gruppi jew entitajiet li huma ta' jew kontrollati minn persuna naturali jew legali, grupp jew entità waħda jew iktar imsemmija fil-punti (i) u (ii); jew

(iv) persuni naturali legali, gruppi jew entitajiet li jaġixxu fl-interess ta' jew fuq id-direzzjoni ta' persuna naturali jew legali, grupp jew entità waħda jew iktar imsemmija fil-punti (i) u (ii).

▼M10

_____

▼B

Artikolu 3

1. Il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonalment, f'attivitajiet, li l-oġġett jew effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, li taħrab mill-Artikolu 2 għandhom ikunu projbiti.

2. Kull informazzjoni li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qed ikunu, jew kienu, maħruba minnhom għandha tkun notifikata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri mniżżla fl-Anness u lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rapurtar, kunfidenzalità u segretezza professjonali u għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 284 tat-Trattat, banek, istituzzjonijiet finanzjarji oħra, kumpanniji ta' l-assigurazzjoni, u entitajiet u persuni oħra għandhom:

— jipprovdu immedjatament kull informazzjoni li tkun se tifffaċilita l-osservanza ta' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 2 u transazzjonijiet esegwiti skond l-Artikoli 5 u 6:

  — lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness fejn huma residenti jew qiegħdin, u

  — permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni,

— jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness f'kull verifikazzjoni ta' din l-informazzjoni.

▼B

2. Kull informazzjoni provduta jew riċevuta skond dan l-Artikolu għandha tkun użata biss għall-għanijiet li għaliha kienet provduta jew riċevuta.

3. Kull informazzjoni direttamenmt riċevuta mill-Kummissjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati u tal-Kunsill.

Artikolu 5

1. L-Artikolu 2(1)(b) m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta' imgħax dovut fuq dawn il-kontijiet. Dan l-imgħax għandu jkun iffriżat ukoll.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet speċifiċi, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa, sabiex ma jitħalliex l-iffinanzjar ta' atti ta' terroriżmu, għal

1. l-użu ta' fondi ffriżati għall-bżonnijiet umani essenzali ta' persuna naturali inkluża fil-lista msemmija fl-Artikolu 2(3) jew membru tal-familja tiegħu, inkluż b'mod partikolari ħlas għal ikel, mediċini, il-kera jew pagament għar-residenza familjari u tariffi jew ħlasijiet li għandhom x'jaqsmu ma' trattament mediku ta' membri ta' dik il-familja, li għandhom jitwettqu ġewwa l-Komunità;

2. pagamenti minn kontijiet iffriżat għall-għanijiet li ġejjin:

   (a) pagamenti ta' taxxi, premiums ta' l-assigurazzjoni obbligatorji u tariffi għal servizzi ta' utilità pubblika bħall-gass, l-ilma, l-elettriku u telekomunikazzjonijiet li għandhom jitħallsu fil-Komunità; u

   (b) pagamenti ta' ħlasijiet dovuti lil istituzzjoni finanzjarja fil-Komunità għall-manteniment ta' kontijiet;

3. pagamenti lil persuna, entità jew grupp inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 2(3), dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet li kienu konklużi jew li qamu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament iżda li dawk il-pagamenti jsiru lil kont iffriżat ġewwa l-Komunità.

3. Talbiet għal awtorizzazzjonijiet għandhom isiru lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom il-fondi, l-assi finanzjarji oħra jew risorsi ekonomiċi oħra ġew iffriżati.

Artikolu 6

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 u sabiex jiġu protetti l-interessi tal-Komunità, li jinkludu l-interessi taċ-ċittadini u r-residenti tagħha, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet speċifiċi:

— biex fondi, assi finanzjarji oħra jew risorsi ekonomiċi oħra ma jibqgħux iffriżati,

— biex jitqiegħdu fondi, assi finanzjarji oħra jew risorsi ekonomiċi oħra għad-dispożizzjoni ta' persuna, entità jew enti inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 2(3), jew

— biex jingħataw servizzi finanzjarji lil dik il-persuna, entità jew enti,

wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni skond il-paragrafu 2.

▼B

2. Awtorità kompetenti li tirċievi talba għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu1 għandha tinnotifika l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif elenkat fl-Anness, bil-bażijiet li fuqhom għandha l-intenzjoni li jew tiċħad it-talba jew li tagħti awtorizzazzjoni speċifika, u tinformahom bil-kondizzjonijiet li hi tqis neċessarji sabiex ma jitħalliex l-iffinanzjar ta' atti ta' terroriżmu.

L-awtorità kompetenti li għandha l-intenzjoni li tagħti awtorizzazzjoni speċifika għandha tagħti l-konsiderazzjoni dovuta ta' kummenti magħmula fi żmien ġimgħatejn mill-Istati Membri l-oħra, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter, fuq il-bażi ta' informazzjoni provduta mill-Istati Membri, li temenda l-Anness.

Artikolu 8

L-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u jfornu lil xulxin bl-informazzjoni rilevanti fid-dispożizzjoni tagħhom f'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, notevolment informazzjoni riċevuta skond l-Artikoli 3 u 4, u għal dak li għandu x'jaqsam ma' problemi ta' vjolazzjoni u infurzar jew ġudizzji mgħotija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 9

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi s-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jinkisru. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, u dissważivi.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu japplika:

1. ġewwa t-territorju tal-Komunità, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħha,
2. fuq xi inġenji ta' l-ajru jew xi bastimenti taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru,
3. lil kull persuna f'kull post ieħor li hu ċittadin ta' Stat Membru,
4. lil kull persuna, grupp jew entità legali inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru,
5. lil kull persuna, grupp jew entità legali li tagħmel kummerċ ġewwa l-Komunità.

Artikolu 11

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

2. Fi żmien perjodu ta' sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament u, jekk neċessarju, tagħmel proposti biex jiġi emendat.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

LISTA TA' AWTORITAJIET KOMPETENTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 3, 4 U 5

▼M12

IL-BELĠJU

https://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy_areas/peace_and_security/sanctions

IL-BULGARIJA

https://www.mfa.bg/en/EU-sanctions

IĊ-ĊEKJA

www.financnianalytickyurad.cz/mezinarodni-sankce.html

ID-DANIMARKA

http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/

IL-ĠERMANJA

https://www.bmwi.de/Redaktion/DE/Artikel/Aussenwirtschaft/embargos-aussenwirtschaftsrecht.html

L-ESTONJA

https://vm.ee/et/rahvusvahelised-sanktsioonid

L-IRLANDA

https://www.dfa.ie/our-role-policies/ireland-in-the-eu/eu-restrictive-measures/

IL-GREĊJA

http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA

https://www.exteriores.gob.es/es/PoliticaExterior/Paginas/SancionesInternacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/

IL-KROAZJA

https://mvep.gov.hr/vanjska-politika/medjunarodne-mjere-ogranicavanja/22955

L-ITALJA

https://www.esteri.it/it/politica-estera-e-cooperazione-allo-sviluppo/politica_europea/misure_deroghe/

ĊIPRU

https://mfa.gov.cy/themes/

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU

https://maee.gouvernement.lu/fr/directions-du-ministere/affaires-europeennes/organisations-economiques-int/mesures-restrictives.html

▼**M12**

L-UNGERIJA

https://kormany.hu/kulgazdasagi-es-kulugyminiszterium/ensz-eu-szankcios-tajekoztato

MALTA

https://foreignandeu.gov.mt/en/Government/SMB/Pages/SMB-Home.aspx

IN-NETHERLANDS

https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties

L-AWSTRIJA

https://www.bmeia.gv.at/themen/aussenpolitik/europa/eu-sanktionen-nationale-behoerden/

IL-POLONJA

https://www.gov.pl/web/dyplomacja/sankcje-miedzynarodowe

https://www.gov.pl/web/diplomacy/international-sanctions

IL-PORTUGALL

https://www.portaldiplomatico.mne.gov.pt/politica-externa/medidas-restritivas

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/omejevalni_ukrepi

IS-SLOVAKKJA

https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA

https://um.fi/pakotteet

L-IŻVEZJA

https://www.regeringen.se/sanktioner

Indirizz għal notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (DĠ FISMA)

Rue de Spa 2

B-1049 Brussell, il-Belġju

Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu